MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2008

Numru 115/2002

PULIZIJA
SUPRETENDENT LAWRENCE CUTAJAR
VS
OMISSIS A

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Omissis A, ta’ omissis sena iben il-mejjet Omissis B u Omissis C, imwieled u residenti omissis, u detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru omissis.

Illi akkuzat talli l-Hadd 25.7.99 ghall-habta ta’ 4:30p.m. fiz-Zurrieq;

1). Kiser il-mistrieh u l-paci pubblika b’ghajjat, storbju u glied.

2). Qal kliem oxxen u dagha fil-pubbliku.

3). Hebb ghall-Martin Caruana u kkagunalu feriti ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. E. Darmanin M.D. mill-Isptar San Luqa.

4). Ukoll talli hedd bi kliem lil Martin Caruana.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol.14 tal-process) u dak ta'
l-imputat (a fol.11) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-Prosekuzzjoni tas-6 ta' Novembru 2007. Rat in-nota tas-sottomissjonijiet mil-provi tad-Difiza tal-Parte Civile tas-7 ta' Novembru 2007.

Ikkunsidrat:-

Mix-xhieda ta' PS 577 Joseph Abdilla jirrizulta illi fid-data citata li hemm fl-akkuza, kien ghamel rapport, certu Martin Caruana li mar ghand il-Pulizija li kellu argument ma' l-imputat u li f'dan l-argument, Omissis A kien ta lil Martin Caruana daqqa ta' serratizz f'rasu. Li f'dak il-hin kien ghaddej Pulizija, PC 627 Jesmond Saliba u interceda, dak il-hin Martin Caruana kien qabad flixkun, iggarrah lejn Omissis A u ntlaqghat il-Pulizja wkoll. L-okkorrenza giet ezebita bhala Dok.PS. PC 627 Jesmond Saliba xehed illi huwa kien xoghol fil-purcissjoni tal-festa tal-Madonna tal-Karmnu, z-Zurrieq. Semgha xi ghajjat u ra vetturi weqfin fil-kantuniera, mar jinvestiga u ra lil Omissis A bl-injama f'idejh, qisa bicca serratizz.

*"U rajtu sejjer biex jaghti daqqa biha lil Martin Caruana."*

Martin Caruana waqa ma' l-art, u PC 627 Saliba interceda, zamm lil Omissis A u fil-pront Martin Caruana qabad flixkun minn ma' l-art u ggarah lejn Omissis A u laqghat lil PC 627 Jesmond Saliba f'wiccu. Gew arrestati Martin Caruana kif ukoll Omissis A. PC 627 Jesmond Saliba gharaf lill-imputat prezenti fl-awla.

Martin Caruana a fol.29 et seq. xehed illi fid-data citata kien qieghed iz-Zurrieq qed ihott l-affarijiet mill-karozza tieghu, gew tlett minn nies fuqu li bdew jghajjtu mieghu, sakemm kien qed jirraguna maghhom, gie l-imputat, Omissis A, minn warajh u tah daqqa ta' serratizz u qasamlu rasu u tefghu l-Isptar. A fol.31, Caruana xehed illi d-daqqa li tah l-imputat huwa kellu bzonn tmien punti f'rasu u dan gie kkagunat mid-daqqa illi qala' jew mil-waqa' tieghu ma' l-art, Caruana xehed illi kienu ccaqalqulu snienu u filfatt kellu jmur ghand id-dentist. Ezebixxa l-ircevuti Dok.MC u c-certifikati Dok.MC1 sa Dok.MC9.

Fic-certifikat Dok.MC5 jirrizulta li fl-opinjoni ta' Dr.Mark Diacono:

*"Patient has advanced Periodontal (Gum) Disease leading to loss of teeth. It is impossible to determine whether the alleged assault was the cause of the loss of some teeth but it is possible that a direct or indirect blow to the already compromised dentition could lead to an earlier loss of teeth."*

L-istess dentist ta diversi 'options' ghal treatment ghal kwerelant illi jvarjaw minn Lm250 sa Lm6,000 (ekwivalenti ghal 582.34 Euro sa 13,976.24 rispettivament) (ara certifikat a fol.7)

Il-kwerelant, Martin Caruana, xehed illi kellu jaghmel 'bridge', diversi x-rays, u ta l-ircevuti ezebiti u mmarkati Dok.MC1 sa Dok.MC9. Xehed illi huwa kien qal lill-imputat sabiex jatih cans sakemm ihott il-merkanzija, xehed illi quddiemu kien hemm serbut karozzi tal-hawkers l-ohra illi kienu kollha qeghdin ipparkjati wiehed wara l-iehor, kulhadd qed inizzel il-merkanzija tieghu. Xehed illi huwa kien talab lill-imputat sabiex jatih ftit cans sakemm ihott. In

segwitu ta’ l-incident, il-kwerelant jghid illi bdew jiccaqalqulu snienu u kellu jaqla’ tmien snien. Il-kwerelant, Caruana, xehed illi qabel ma qala’ d-daqqa ta’ serratizz huwa ma kienx induna li kien ser jigi aggredit mill-imputat, li dan gie minn warajh sabiex jatih id-daqqa. Pero’ kif qam minn ma’ l-art, ra lill-imputat bis-serratizz. Xehed ukoll a fol.36 illi anka l-Pulizja ra lill-imputat bis-serratizz f’idu. Il-kwerelant Caruana xehed illi meta ra lill-imputat ghadu bis-serratizz f’idejh, qabad flixkun sabiex jipprova jiddefendi ruhu. Izda dan zelaq minn idejh u laqghat lil Pulizija. A fol.36 il-kwerelant, Caruana, xehed illi hadd mid-dentisti li mar ghandhom **ma tawh kura ghall-*Advanced Periodontal Disease*.**

Dr.Diacono, a fol.60, kkonferma illi huwa kien ra lill-kwerelant Martin Caruana, f’Novembru 2001, meta kellu biss seba’ snien f’halqu, dana qed jinaghad kemm ghal *upper dentition* u *lower dentition* u dawn is-seba’ snien kollha kienu qeghdin jiccaqalqu.

*“Kellu mard tal-hanek avvanzat hafna u dawn is-snien, fl-opinjoni tieghi kellhom ‘Prognosis’, jigifieri hazina hafna. Fl-opinjoni tieghi kienet illi dan kien minhabba l-mard tal-hanek. Issa jiena kont qedtlu, fl-opinjoni tieghi, li l-incident kien il-kawza (ta’ telf) tas-snien wara sentejn.”*

Dr. Diacono xehed illi l-pazjent giet riferit minnu minn dentist iehor.

Dr. Messina Ferrante a fol.66, xehed illi huwa kien ra lil kwerelant fit-28 ta’ Lulju 1999 u li l-kwerelant kien qallu li kellu xi incident u li kellu xi snien li kienu qeghdin jiccaqalqu. Dr. Ferrante ikkonferma li l-kwerelant kellu *Advanced Periodontal Disease*, voldieri l-hniek kienu morda, cioe kienu ressqu lura b’mod illi jinkixxfu l-gheruq tas-snien. Dr. Messina Ferrante xehed illi l-kwerelant ma’ kien pazjent regolari u ma setghax jghid x’effett seta’ jkollha dqqa fuq is-snien tal-kwerelant il-ghaliex, *“Periodontal Disease is a disease about the mobility of the teeth voldieri.”* (ara a fol.67) Id-Dentist Messina Ferrante, xehed illi il-konsegwenza tal-*Periodontal Disease* huwa illi l-ghadma li zzomm is-sinna tigi re-assorbita u

ghaldaqstant ma tkunx pediment sod ghas-sinna. Illi l-assorbiment ta' l-ghadam ta' halq il-kwerelant gie sodisfacentement stabbilit bl-x rays illi huwa ha. Dr. Messina Ferrante xehed illi fil-kas in ezami ma setghax isir *bridge* ghaliex biex dan issir irid ikollok pediment sod ta' l-ghadam tal-halq illi f'dan il-kas ma kienx prezenti. Minhabba illi ma kienx hemm *Prognosis* tajjeb ta' *bridge,* huwa rrefera lil kwerelant ghand id-dentista Diacono ghall-*implants.* Dr. Messina Ferrante qal l-istess ragun, cioe d-djufija ta' l-ghadam tal-halq tal-kwerelant kien fl-opinjoni tieghu kien ifisser ukoll l-*Prognosis* hazin ghall-*implants*.

Mic-certifikat Dok.ED a fol.76 jirrizulta illi l-kwerelant Caruana kellu qasma twila xi sitt centimetri fuq in-naha ta' wara tar-ras, li kellha bzonn seba' punti u li giet klassifikata bhala griehi ta' natura hafifa. Gew ezebiti l-licenzi ta' hawker Dok.FCZ a fol.84.

L-imputat, Omissis A, a fol.93, ikkonferma illi fid-data ndikata fic-citazzjoni huwa kien tela' z-Zurrieq sabiex jarma ghal festa, flimkien ma' Publius Cutajar u Doreen Cutajar li tigi ohtu. Kif mar f'postu sab lil Martin Caruana illi kien armat fil-post taghhom. Publius Cutajar avvicina lil kwerelant u qallu sabiex iressaqlu l-van halli joqghod minfloku u bdew jillatikaw. L-imputat, Omissis A, xehed illi huwa qal lil Caruana sabiex inehhilu l-van ghaliex kien hemm hafna karozzi warajh u li Caruana hebb ghalieh u gie ghalieh b'girja. Illi huwa kien ghadu zghir, kellu biss hmistax-il sena. Kellu injama tal-karru u meta ra lil Caruana gej ixejjer bil-ponn fuqu, ddefenda ruhu billi tah bl-injama li kellu f'idejh u laqqtu f'rasu. L-imputat xehed illi Caruana baqa jatieh bil-ponn sakemm gew il-Pulizija. Sakemm gie l-Pulizija, l-imputat xehed illi Caruana qabad flixkun u ggarah fid-direzzjoni tieghu, li l-imputat tbaxxa u minflok intlaqghat lil Pulizja. L-imputat innega illi kien hemm storbju u dagha da parti tieghu.

SM 577 Joseph Abdilla, a fol.98, in kontro ezami, xehed illi l-kwerelant Caruana kien qabad flixkun sabiex jiggarah lejn l-imputat u minflok laqghat lil Pulizija PC 627 illi kien nizel sabiex jifred lil kwerelant u l-imputat. Xehed illi l-griehi li kellu Caruana kienu fuq il-parti ta' isfel ta' rasu.

PC 627, Jesmond Saliba a fol.100, in kontro ezami kkonferma li Omissis A kien ghadu zaghzugh zghir, tifel ta' hmistax-il sena. Ikkonferma illi huwa nduna bl-incident il-ghaliex kien sema' l-ghajjat, filfatt meta wasal fuq il-post sab lil Martin Caruana u Omissis A qeghdin jiggieldu u maqbudin flimkien, u waqt li kien qed izomm lil Omissis A, Caruana qabad flixkun u ggarah fid-direzzjoni ta' Omissis A pero' laqghat lilu.

Doreen Cutajar a fol.101 et seq. ikkonfermat illi kienet fil-festa taz-Zurrieq u huma kienu ser imorru jarmaw bi "Food Stall", li huma kellhom licenzja mill-Kunsill Lokali li johorgilhom pjanta sabiex kulhadd ikun jaf fejn ezattament ser jarma. Illi meta huma wasslu fuq il-post bdew ihottu l-affarijiet mill-van sabiex jibdghu jarmaw. Marru fuq il-post pero u sabu lil Martin Caruana, armat ezattament fejn kienu armati huma fil-granet ta' qabel. Cutajar xehedet illi fil-post taghhom huma sabu li Martin Caruana kien ipparkja l-van tieghu Huma tallbu lil Marin Caruana sabiex inehhi l-van ghal diversi drabi, u meta Omissis A tallbu jnehhi l-van, Martin Caruana rrabja u mar fuqu bil-ponn u qallu sabiex ma jindahalx u beda jfajjar b'idejh. Doreen Cutajar, a fol.107, xehedet illi b'kumbinazzjoni kienu tilghin il-Pulizja u ntervjenew. Martin dak il-hin qabad flixkun minn ma' l-art u ggarah ghad-direzzjoni ta' Omissis A, pero' laqghat lil Pulizija u fetahlu mohhu. Doreen Cutajar xehedet a fol.108 illi Martin Caruana kien diga' hatt kollox minn gol-van u li qalilhom illi hwua l-van ma kienx ser icaqalqu minn hemmhekk. Doreen Cutajar xehed illi rat lil Martin Caruana bid-demm hdejn naghsu, izda ma setghatx tghid jekk kemm il-darba din il-gerha kienet ikkagunatlu bid-daqqa ta' l-injama jew meta waqa' ma' l-art f'gandott. Martin Caruana ma kellux dmiegha hiereg minn halqu.

Publius Cutajar, a fol.111, ikkonferma illi kellu permess sabiex jarmaw fiz-Zurrieq fid-data indikata fic-citazzjoni u li huwa mar sabiex jarma flimkien mal-mara tieghu Doreen u huha Omissis A. Meta accedew fuq il-post sabu lil Martin Caruana fil-post fejn kellhom jarmaw huma u tallbu sabiex inehhilu l-van.

*“Qalli ma rridx innehhilu l-van.” “Qalli ma rridx innehhieh.”*

Publius Caruana xehed illi wara dan, hu l-mara tieghu, cioe l-imputat, Omissis A, indirizza lil Martin Caruana u qallu sabiex inehhi l-van u dan Caruana mar jatieh bil-ponn.

Cutajar xehed illi l-imputat kellu felez ta’ injama zghira u ddefenda ruhu biha, dana wara li Martin Caruana kien aggredih b’daqqa ta’ ponn.

Publius Caruana kkonferma illi l-imputat kien laqat lil Martin f’rasu u li dan kien resaq lura. Ikkonferma illi ntercedew il-Pulizija illi kienu qeghdin hemmhekk b’kumbinazzjoni waqt li Martin Caruana beda jzommu hu. Fil-pront, Martin Caruana hataf flixkun u ggarah lejn it-tifel izda minflok laqghat lil Pulizija u fetahlu rasu. Publius Cutajar baqa’ jinsisti illi Omissis A kien biss qed jiddefendi ruhu.

Francesca Bonello mill-Kunsill Lokali taz-Zurrieq, ikkonfermat illi Publius Cutajar kellu permess biex jarma fil-festa. Illi l-permess tieghu kien ghal ‘Stall Number 1’ fi Triq Dun Guseppe Zammit, waqt illi Martin Caruana kellu permess fuq isem martu, sabiex jarma f’’Number 5’. Dawn gew ezebiti u mmarkati bhala Dok.KM1 u Dok.KM2.

A fol.127, Publius Cutajar ikkonferma d-Dok.KL u l-allotment tieghu f’Numru 1. Publius Cutajar ikkonferma illi Martin Caruana certament ma kienx armat fil-kaxxa numru 5 fejn kellu l-permess. Izda kien ipparkjat fil-post fejn kellu jarma hu u cioe ‘Stall Number 1’ Dok.KL.

Ikkonsidrat:-

Illi mill-provi prodotti jirrizulta b’mod ampju illi t-tilwima bejn Omissis A u l-kwerelant Caruana giet inizzjata min ghagir mhux ragonevoli ta’ l-istess kwerelant Caruana. Dan qieghed jinghad il-ghaliex kif jirrizulta minn Dok.KL u l-pjanta annessa, l-kwerelant Caruana, bhala Hawker fil-festa ndikata, kellu jarma fil-post indikat bhala Numru 5 u

mhux kif jirrizulta illi ghamel, fil-post ta' Doreen u Publius Cutajar, (cioe post Number 1); illi dawn ta' l-ahhar tallbuh diversi drabi sabiex icaqlaq il-van tieghu sabiex ikunu jistghu jibdew jarmaw. Illi kunrarjament ghal dak li jghid Caruana, Doreen u Publius Cutajar isostnu illi l-imputat kien diga lest armat u ppretenda illi jipparkja l-van tieghu ghas-serata shiha fl-enclosure immarkata bhala Numru 1 f'Dok.KL, u cioe f'post allokat ghall-istall ta' l-konjugi Cutajar. Illi wara diversi talbiet minn Publius u Doreen Cutajar sabiex il-kwerelant icaqlaq dan il-van, l-imputat Omissis A, tifel ta' hmistax-il sena talbu huwa wkoll sabiex inehhi l-van. Illi kien hemmhekk li l-kwerelant Caruana, hebb ghall-imputat, Omissis A. Dan it-tifel beza', kellu serratizz ta' l-armar f'idejh u tah daqqa lil Caruana, bih.

Il-Qorti tikkonsidra  r-reazzjoni ta' Omissis A bhala wahda eccessiva fl-isfond tac-cirkostanzi, cirkostanzi illi juru illi kien hemm presenza ta' numru konsiderevoli ta' nies li setghu facilment jaqbzu ghalih apparti l-fatt illi l-imputat Omissis A kellu wkoll l-alternattiva illi jahrab minn fuq il-post. Il-Qorti tikkonsidra ghalhekk illi d-daqqa permezz tas-serratizz mill-imputat Omissis A fuq Caruana kienet wahda li teccedi l-legittima difiza.

Illi l-Qorti mbaghad indirizzat l-griehi tal-kwerelant. Il-kwerelant xehed u c-certifikati medici tieghu juru illi bid-daqqa ta' serratizz, il-kwerelant garrab qasma fil-parti ta' wara ta' rasu li kienet tirrekjedi sitt punti. Il-kwerelanti sostna illi bid-daqqa huwa waqa ma' l-art u gie f'gandott. Mill-provi ma jirrizultax illi l-kwerelanti storda b'xi mod il-ghaliex dan kien pront, qabad flixkun tal-hgieg minn ma' l-art, igarrah lejn Omissis A, Omissis A tbaxxa u l-flixkun laqghat lil Pulizija li kien qed jipprova jintervjeni f'din is-sitwazzjoni. Il-kwerelant ezebixxa diversi certifikati u rcevuti ta' hlas ta' dentisti il-ghaliex isostni illi b'konsegwenza tad-daqqa u tal-waqa tieghu, huwa tilef seba' snien.

Mix-xhieda ta' Dr.Simon Diacono u ta' Dr.Messina Ferrante, jirrizulta sodisfacentemnt ipprovat bla dubju dettat mir-raguni, illi l-imputat ibati minn kondizzjoni fil-hanek ta' halqu li tissejjah *Periodontal Disease*. Illi din il-

marda tal-hanek ta' l-imputat kienet wahda avvanzata hafna, tant li l-kwerelant kien fadallu biss seba' snien f'halqu u li dawn is-snien kienu kollha mperpra (loose) u jiccaqalqu u kellhom jinqalghu. Illi l-kondizzjoni ta' *Advance Periodontal Disease* tal-kwerelant kagunata primarjament minn nuqqas ta' igene fil-halq, iggib maghha reassorbiment tal-qaghda tal-halq illi zzomm u tikkosstitwixxi pedament sod sabiex is-snin jibqghu fermi. Meta din il-marda tal-hanek tkun avanzata, kemm il-hanek kif ukoll l-ghadam tal-halq jinxfu u jinxtorbu, jinkixfu l-gheruq tas-snin u l-ghadam tal-halq, hekk mixrubin, ma jkunux jistghu jkunu ta' pedament sod ghal dawn is-snien.

Illi fl-opinjoni ta' Dr. Messina Ferrante, il-Prognosis ghal rimpjazz tas-snien illi tilef il-kwerelant kienet wahda xejn tajba, fis-sens li fl-istess kondizzjoni ta' *Advance Periodontal Disease* timmilita kontra t-tfassil ta' bridge (dentition fixed) li titqabbad ma' l-gheruq tas-snien tal-pazjent. Ghaldaqstant kien irrefera l-pazjent, lil Dr. Simon Diacono li ghalkemm qal li implants setghu jsiru, l-istess kondizzjoni illi pprecipitat il-Periodontal Disease, u cioe n-nuqqas ta' igene fil-halq ta' l-imputat, trid tinbidel radikalment altri menti, anka l-implants ifallu.

Ikkonsidrat:-

Illi l-Qorti trid tippreciza illi minkejja illi x-xhieda voluminuza f'dan il-kas tirrigwarda griehi ta' natura gravi, id-danni konsegwenzjali, l-kwistjonijiet dwar jekk jeziztix nexus sufficjenti bejn id-daqqa ta' serratizz inflitta minn Omissis A fuq il-kwerelant u l-konsegwenti t-telf ta' snien tal-kwerelant, il-Qorti hija rinfaccata b'mankanza procedurali serja.

Illi din il-kawza giet moghdija lil din il-Qorti, wara digriet tal-Magistrat sedenti fid-distrett illi deherlu li l-akkuzi kienu jeccedu l-kompetenza tieghu. Illi wara dan l-istadju, l-Ufficjal Prosekutur, ghalkemm rega qara' l-akkuza u sar l-ezami, pero naqas illi jaghmel korrezzjoni fl-istess akkuza sabiex ibiddel l-akkuza ghal wahda ta' griehi ta' natura gravi. L-Ufficjal Prosekutur in oltre, naqas ukoll illi jaggungi akkuzi ohra illi setghu jirrizultaw. Illi ghaldaqstant

din il-Qorti bl-ebda mod ma tista’ tippronunzja ruha fuq sejbien ta’ htija dwar griehi ta’ natura gravi u l-konsegwenti danni allegati mill-kwerelant.

Ikkonsidrat:-

Illi mill-provi tal-Prosekuzzjoni pero jirrizulta illi dan l-incident sar fl-isfond ta’ ghajjat u glied fil-pubbliku u kliem baxx, izda ma jirrizultax, ippruvat mill-Prosekuzzjoni, li l-imputat heddet lil kwerelanti.

Illi ghal dawn il-motivi l-Qorti ssib lill-imputat hati ta’ l-ewwel, it-tieni, it-tielet akkuza, mhux hati tar-raba akkuza illi minna tilliberah u wara li rat l-Artikoli 338(dd), 338 (bb), 339(1)(d), 230(d), 227(d), 233 u 37 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------